# LEJLET IT-TIEĠ

Sketch ta' G. CASSAR PULLICINO

Pawlu kien ferħan! L-għada kellu jiżżewweġ! Għall-ewwel ma setax jifhem għaliex kien qed iħoss ruħu hekk ferħan, jew għaliex dak il-jum ma kienx bħall-jiem l-oħra li għaddew qablu. Fid-dar kollox sieket, u Toni, qarib Pawlu, kien għad fadallu biex jiġi, għax baqa' sagħtejn u fuqhom għall-*Ave Marija*. Kull filgħaxija Pawlu kien joqgħod jistennieh jasal u ma kienx jiċċaqlaq minn fejn ikun qabel ma jisma' l-lukkett jintrefa' u l-bieb iżaqżaq.

Imma l-lejla Pawlu ma kienx sa joqgħod jistenna. Il-lejla Pawlu kellu x'jagħmel u għalhekk kien rafa' mix-xogħol f'nofs inhar. Kellu jhejji d-dar għall-għada: kellu jfarfar u jiknes kullimkien, u jaħsel daqsxejn l-art; kellu jagħlef u jisqi l-bhejjem biex l-għada jsib kollox lest – għax ma riedx jaħdem f'jum it-tieġ ukoll. U għalhekk Pawlu naddaf u kines u għalef – imbagħad ħares ħarsa madwaru! L-egħlieqi kienu sbieħ, bil-qamħ għoli isfar daqs id-deheb, imewweġ quddiemu maż-żiffa ħelwa ta' wara nofs inhar. U fost dawk l-egħlieqi kollha kien hemm tiegħu ukoll, dawk is-sitt itmien raba' li kien ħallielu missieru, u li kienu ta' missier missieru qablu. Dak ir-raba' kien jaħdmu hu: kien iqalleb l-art, jagħżaqha, idemmilha, jaħratha u jiżragħha – l-għaraq kien iqattar minn fuq ġbinu meta jkun miexi wara l-moħriet, miġbud mill-bagħal jonfoħ. L-għaraq kien iqattar, jaħraq daqs in-nar, u jitħallat mal-ħamrija u jsir ħaġa waħda magħha. Imbagħad wara kien jasal il-ħsad, u l-art kienet troddlu l-egħlejjel tagħha kotrana, dik l-art li kienet l-istess għajxien u ħajja tiegħu... Pawlu tbissem xħin ra l-frott tal-għaraq tiegħu jmewweġ quddiemu, u bejnu u bejn ruħu qal: 'Minn għada 'l quddiem dawn l-egħlieqi ma jibqgħux iktar tiegħi biss, imma jsiru tagħna – tiegħi u tal-mara, tal-mara li sa tkun is-sieħba tiegħi għal għomri'...

Pawlu qagħad jistrieħ ftit fuq kaxxa tal-injam, jaħseb... L-għada filgħodu jtejjġu, kellu jqaddsilhom Dun Lawrenz, jiġi xi ħaġa fil-bogħod minn Lonza, il-mara li sa jieħu. Il-quddiesa tibda fis-sebgħa, u wara l-ħaddara jmorru għand missierha, u ssir l-ikla tat-tieġ. U kellu jkun hemm l-għannejja u d-daqqaqa tar-raħal, u kienu ħasbu għal xi erba' tramuġġani nbid safi li kien intgħasar is-sajf ta' qabel. Imbagħad wara jġibha toqgħod miegħu għal kollox id-dar, li hu għadu kif bajjad u naddaf u ħasel, u fejn kien twieled u trabba' Pawlu stess...

Pawlu qam biex isaħħan ftit kafè fuq in-nar... Din kienet l-aħħar darba li sa jagħmel dan. Għada tiġi l-mara, u huwa ma jkollux għalfejn jiknes u jfarfar, għax biżżejjed għandu x'jagħmel biex jieħu ħsieb ix-xogħol

tal-għalqa. U ħwejġu tibda tieħu ħsieb taħsilhom Lonza... U lanqas ma jiekol xott iktar bħal ma kien ilu jiekol mindu mietet ommu xi sentejn qabel. Imma filgħaxijiet jibda jsib xi ftit tisjir sħun biex jirfdu u jtih saħħa iktar għax-xogħol iebes tar-raba', u filgħodu tibda tlestilu belgħa sħuna Lonza qabel jitlaq għax-xogħol...

U meta jikbru, huwa u martu, ikun hemm it-tfal, biex inaddfu u jnaqqsu mit-toqol tax-xogħol tagħhom — it-tfal li għad jitwieldu, — u mbagħad jikbru u jkollhom huma wkoll l-ulied li bħalu jieħdu l-għajxien tagħhom minn qiegħ l-art, minn ġol-ħamrija għammelija li qisha omm kulħadd! Pawlu waqaf u dar dawra mejt. Il-ħsieb ta' wliedu jilagħbu u jiġru ġo daru laqtu, għax huwa ħutu żgħar qatt ma kellu; u ġieb quddiem għajnejh it-tfal jiġru, jaqbżu, jilagħbu u jgħajtu ġol-kamra t'isfel u ġol-għorfa ta' fuq...

Imma issa Pawlu qam u mar biex jaħsel wiċċu. U nduna li kien hemm raġel, b'xuxtu mħabbla u mqanfda u bil-leħja twila u sewda, iħares lejh mill-wiċċ tal-ilma — u dak ir-raġel kien huwa stess! Mas-siegħa u l-ħin qata' li jmur jitqarweż u jqaxxar il-leħja għand il-parrukkier tar-raħal l-iktar qrib. Kien ilu żmien ma jagħmilha dil-bicca xogħol, għax dan kollu flus fil-ħala: il-leħja malajr tinbet u x-xagħar jikber malajr wisq, u tista' toqgħod magħhom. Imma llum mhux se joqgħod iqis kemm jonfoq. Din darba biss! Illum lejlet it-tieġ! U t-tieġ darba jiġi!...

Issa Pawlu mar fetaħ senduq, li kien ta' missieru, u ta' missier missieru qablu, u minnu ħareġ ġlekk u sidrija tan-newl, maħdumin b'erba' mkiekek, qmis bajda rrigata bl-iswed — u libishom, għax ried jara kif sa jkun bihom l-għada. U xedd il-qorq il-ġdid ukoll, li kien xtara minn Fuq il-Monti, il-Belt, u żanżan xi xahar qabel, għall-festa, u mexa ftit mal-kamra biex ikompli jerħi xi ftit, u dawwar it-terħa tal-ħarir ma' qaddu, qiegħed il-berritta, bil-ġummiena fin-nofs u b'żewġ żagarelliet imdendla wara fuq rasu, u xammar il-pulzieri tal-qmis sa minkbu. Imbagħad Pawlu ħares lejh innifsu fil-mera... Ftit kien iħabbel rasu jħares fil-mera, bejn għax ma kellux wisq għalfejn, u bejn għax minn ċkejken kien jisma' 'l ommu tgħid li mhux sewwa tħares wisq lejn il-mera, għax tista' tara 'l-ta' barra minn hawn iħares lejk... Imma llum Pawlu ħares, u tbissem, għax ra li kien liebes tajjeb. Wara kollox, ma riedx għal ġieħ wiċċu li f'jum it-tieġ Lonza taralu ħwejjġu koroħ, jew imraqqa' u mtebba' bil-għaraq u bil-ħamrija. Halli wara taħsillu, traqqalu u ġġannatlu trieħi u qliezet u sdieri — imma mhux dak inhar tat-tieġ!...

Pawlu reġa qagħad bil-qiegħda. U ħsiebu issa waqa' fuq Lonza, il-mara li sa jiżżewweġ. Il missierha kien ilu jafu: kien bidwi bħalu, imma kellu xi sold ġmielu għax meta darba l-uċuħ tal-patata mtessu bl-irtuba u tgħarrqu, tiegħu baqgħet sħiħa u billi kien suq tajjeb kien biegħha bil-għoli u

qala' kemxa flus sewwa. Lil Lonza kien raha darba hija u ħierġa mill-knisja. Kien urihielu Toni, qaribu, li mill-mewt t'ommu 'l hawn kien baqa' jmur jorqod miegħu biex iwennsu, u ma' Toni kien bagħat joħtobha wara li raha xi darbtejn oħra. Għax Lonza kienet laqtitu. Kienet laqtitu mhux għax kien fiha xi ġmiel żejjed, imma xi ħaġa oħra li Pawlu ma setgħax ifisser x'inhi. Kienet samra; u mibruma u godlija; u għajnejha leġġi kienu jpattu għal xufftejha, li kienu farka ħoxnin żejjed. Imma Pawlu kemm idum igħix waħdu? Kemm idum jagħmel kollox hu: jaħdem u jagħżaq fil-għalqa, jieħu ħsieb id-dar, u l-bhejjem u ħwejjġu, u jkeċner ukoll? Le, le! Dik ma kenitx ħajja tiegħu! Pawlu kellu bżonn ta' sieħba biex tgħinu u ttaffilu daqsxejn it-toqol tal-ħajja. U billi ma kenitx petita wisq? Imma b'saħħitha kienet, u tiflaħ taħdem miegħu fil-għalqa, u ma kenitx marradija, u tiekol kollox għax mhix imrobbija fil-hejm u l-fsied... Huwa tifla moħħha fi ġmielha sa tieħu bidwi ikrah bħalu, jew sa tagħmel dak ix-xogħol? Dik tkun ħsiebha biss fl-ilbies sabiħ, u ma traqqalux jew issewwilu ħwejġu meta jitqattgħu, bħal ma taf tagħmel Lonza, li kienet tal-ġabra, u għandha l-pont tal-ħjata wkoll! Le! Lonza kienet tgħodd għal miegħu — u l-għada 'k il-Bambin irid, Lonza tkun tiegħu. Iġri jasal għada!

Pawlu kien ferħan!

~~(Ikompli mill-paġ. 6)~~

~~AQUILINA, J., 'Fields of Maltese Linguistic Research', *Lingua — International Review of General Linguistics* (Amsterdam), Vol. VII, No. 1, 1957.~~

~~'Maltese As a Mixed Language', *Journal of Semitic Studies* (Manchester University), Vol. 3, No. 1, 1958.~~

~~'A Brief Survey of Maltese Literature', *Scientia* (Malta), Vol. XXI, No. 3, 1955.~~

~~'Educational and Cultural Life in Malta', *Scientia* (Malta), Vol. XVIII, Nos. 1-2, 1952.~~

~~'Ninu Cremona', *Orbis*, Tome VI, No. 1, 1957.~~

~~'The Role of Language in Society', *Bulletin* (Malta), 30th Jan. — 5th Feb. 1958.~~

~~AQUILINA, J. u CASSAR-PULLICINO, J., 'Lexical Material in Maltese Folklore', *Journal of the Faculty of Arts* (Malta), Vol. I, No. 1, 1957.~~

~~CASSAR-PULLICINO, J., 'Social Aspects of Maltese Nicknames', *Scientia* (Malta), Vol. XXII, No. 2, 1956.~~

~~'Canti Sulla Passione nelle Isole Maltese', *Lares* (Firenze), Anno XX, Fasc. III-IV, 1954.~~

~~'La Settimana Santa a Malta', *Phoenix* (Bari), II, (1956), Nos. 1-2.~~

~~(Ikompli fil-paġ. 28)~~